# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR**

**DR. JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 18 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 469/01**

**Numru 15**

**Forestals (Appliances) Limited**

**vs**

**Nathalie Penza u b'digriet tat-Tribunal tas-27 ta' Settembru, 2001 qed jigi msejjah fil-kawza Luigi Penza.**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm74.00 (erba u sebghin lira Maltin) rapprezentanti merkanzija li l-konvenuta xtrat minghand is-socjeta attrici u bdiet taghmel xi pagamenti akkont, pero' sad-data tal-avviz tat-talba kien ghad fadal thallas bilanc ta' Lm74.00.

Il-konvenuta giet interpellata thallas dan l-ammont izda baqghet inadempjenti, ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Marzu 2001, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra ir-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

Illi l-hob konsenjat lill-eccipjenti kien difettuz u ghadu hekk difettuz sal-llum. Is-socjeta attrici nterpellata ghal aktar minn darba sabiex tissostitwixxi l-istess hob b'wiehed tal-kwalita miftiehma u cioe' b'safety locks kif miftiehem fid-data tal-bejgh izda hija rrispondiet li ma tridx taghmel dan.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici.

Sema ix-xhieda.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal in primo ordine jirrileva li meta ma nghatatx il-prodott u/jew is-servizz minnha mixtieq, messha irrifondiet il-materja ghall-iskrutinju tat-Tribunal tal-Konsumatur li hu adibit biex jinvestiga materji bhal dawk in ezami odjernament. Dan ukoll huwa mezz legali sabiex jigi allevjat il-piz giudizzjarju u f'dan is-sens hemm in-necessita' ta' kambjament fil-kultura lokali vigenti.

L-ammont dovut hu Lm74 huwa spezzettat in kwantu ghal Lm31 fuq hob u Lm40 fuq food mixer. Dwar Lm40, dana mhux kontestat. Il-bilanc huwa ta' Lm31. Lanqas huwa kontesat li l-hob kienet affettata minn xi mankanzi u/jew difetti. Dehru n-nies stess tas-socjeta attrici.

Pero id-difiza ta' presenza ta' difett latenti ma tistax tinghata in via eccezzjonali. Kellha a disposizzjoni taghha l-azzjoni redhibitoria jew l-azzjoni aestimatoria ai termini tal-Art 1427 tal-Kap 16.

Pero' ma tistax taghzel li ma tezercitax xi wahda minn dawn l-azzjonijiet biex wara tiddefendi ruhha meta l-kreditur jagixxi biex jirkupra l-kreditu tieghu. Di fatti anki r-risposta hija formolata f'dan is-sens. 'Ex admissis' mill-istess konvenuta fix-xhieda taghha fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2002 dan il-kaz imur lura ghal cirka tlett (3)

snin. It-Tribunal jirrileva li s-socjeta attrici damet tistenna biex tithallas bizzejjed. Li huwa monk huwa n-nuqqas ta' dokumentazzjoni prezentata miz-zewg partijiet biex jissuffragaw il-pretenzjonijiet taghhom.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm71 (wiehed u sebghin lira Maltin) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.

Dr Joseph P Bonnici
Gudikatur